MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 994/2005

**Dingli Co. International Limited bhala mandattrici tas-socjeta' Estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra, Ingilterra (Reg.No.C-7692)**

**vs**

**Federico Galea**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' Mejju, 2005 fejn intalab il-hlas ta' sitta u hamsin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm56.16) kwantu ghal sebgha u erbghin lira u sittin centezmu (Lm47.60) Royalty dovuta bil-quddiem ghall-perijodu mis-6 ta' Jannar, 2004 sal-5 ta' Jannar, 2006 (sentejn), in konnessjoni mal-licenzja Nru. 011292 (Dok A) rilaxxjata mis-socjeta` attrici a favur tal-konvenut, b'liema licenzja l-**

**konvenut gie moghti d-dritt li jxandar lill-pubbliku muzika tutelata fl-istabbiliment “Trattoria D’Ico”, Sliema, u tmien liri u sitta u hamsin centezmi (Lm8.56) Taxxa fuq il-Valur Mizjud.**

**Is-socjeta’ attrici qieghda titlob ukoll il-hlas tal-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta’ l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta’ l-avviz, komprizi dawk tal-ittri legali tal-15 ta’ April, 2004 u tal-15 ta’ April, 2005, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fil-31 ta’ Mejju, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa’ t-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma ta’ sitta u hamsin lira Maltija u sittax-il centezmu (Lm56.16) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 ta’ Jannar, 2005.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittri legali tal-15 ta’ April, 2004 u tal-15 ta’ April, 2005, kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------